**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* Nerea SpA

*Konvenut:* Regione Marche

*Fil-preżenza ta'*: Banca del Mezzogiorno – Mediocredito Centrale SpA

**Dispożittiv**

1) *L-Artikolu 1(7)(ċ) tar-Regolament tal-Kummissjoni Nru 800/2008, tas-6 ta' Awwissu 2008, li jiddikjara ċerti kategoriji ta' għajnuna bħala kompatibbli mas-suq komuni skont l-Artikoli [107 u 108 TFUE] (Regolament għall-Eżenzjoni Ġenerali Sħiħa) għandu jiġi interpretat fis-sens li l-kunċett ta' "proċeduri kollettivi ta' falliment [insolvenza]" li huwa jsemmi jkopri l-proċeduri kollha kollettivi ta' falliment previsti fid-dritt nazzjonali, kemm jekk dawn ikunu miftuħa ex officio mill-awtoritajiet amministrattivi jew ġudizzjarji nazzjonali u kemm jekk ikunu miftuħa fuq l-inizjattiva tal-impriża kkonċernata.*

2) *L-Artikolu 1(7)(ċ) tar-Regolament Nru 800/2008 għandu jiġi interpretat fis-sens li l-fatt li impriża tissodisfa r-rekwiżiti għall-issuġġettar għal proċedura kollettiva ta' insolvenza skont id-dritt nazzjonali, li għandu jiġi kkonstatat mill-qorti tar-rinviju, huwa suffiċjenti sabiex jimpedixxi li tingħatalha għajnuna mill-Istat skont dan ir-regolament imsemmi jew, jekk tali għajnuna tkun diġà ingħatatilha, sabiex jiġi kkonstatat li din ma setgħetx tingħata skont l-imsemmi regolament, sakemm dawn ir-rekwiżiti jkunu sodisfatti fid-data meta kienet ingħatat l-imsemmija għajnuna. Min-naħa l-oħra, għajnuna mogħtija lil impriża skont ir-Regolament Nru 800/2008, u b'mod partikolari skont l-Artikolu 1(6) tiegħu ma tistax tiġi revokata minħabba s-sempliċi raġuni li din l-impriża kienet suġġetta għal proċedura kollettiva ta' insolvenza wara d-data li fiha ngħatatilha l-għajnuna.*

---

(1) ĠU C 279, 1.8.2016.

---

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Seba' Awla) tas-6 ta' Lulju 2017 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Fővárosi Közigazgatási és Munkaügyi Bíróság – l-Ungerija) – Glencore Agriculture Hungary Kft., li kienet Glencore Grain Hungary Kft. vs Nemzeti Adó- és Vámhivatal Fellebbviteli Igazgatóság**

**(Kawża C-254/16)** (1)

***(Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) — Direttiva 2006/112/KE — Artikolu 183 — Prinċipju ta' newtralità fiskali — Tnaqqis tat-taxxa tal-input imħallsa — Ħlas lura tal-eċċess ta' VAT — Proċedura ta' stħarriġ — Multa imposta fuq il-persuna taxxabbli matul tali proċedura — Estensjoni tat-terminu għar-rimbors — Esklużjoni tal-ħlas tal-interessi moratorji)***

(2017/C 283/11)

*Lingwa tal-kawża: l-Ungeriż*

**Qorti tar-rinviju**

Fővárosi Közigazgatási és Munkaügyi Bíróság

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* Glencore Agriculture Hungary Kft., li kienet Glencore Grain Hungary Kft.

*Konvenuta:* Nemzeti Adó- és Vámhivatal Fellebbviteli Igazgatóság

**Dispożittiv**

*Id-dritt tal-Unjoni għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li tipprovdi, fil-każ li tinbeda proċedura ta' stħarriġ fiskali mill-amministrazzjoni jew meta tiġi imposta multa fuq persuna taxxabbli għal nuqqas ta' koperazzjoni, id-data għar-rimbors tal-eċċess tat-taxxa fuq il-valur miżjud tista' tiġi estiża sal-għoti lill-imsemmija persuna taxxabbli tal-proċess verbali ta' dan l-istħarriġ u l-ħlas ta' interessi moratorji jista' jiġi miċħud, anki meta l-perijodu tal-proċedura ta' stħarriġ fiskali jkun eċċessiv u ma jkunx totalment imputabbli għall-aġir tal-persuna taxxabbli.*

(1) ĠU C 296, 16.8.2016.

---

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (L-Ewwel Awla) tad-29 ta' Ġunju 2017 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Augstākā tiesa – il-Latvja) – "L.Č." IK vs Valsts ieņēmumu dienests**

**(Kawża C-288/16)** (1)

***(Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Direttiva 2006/112/KE — Taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) — Artikolu 146(1)(e) — Eżenzjonijiet fuq l-esportazzjoni — Provvisti ta' servizzi direttament marbuta mal-esportazzjonijiet jew mal-importazzjonijiet ta' oġġetti — Kunċett)***

(2017/C 283/12)

*Lingwa tal-kawża: il-Latvjan*

**Qorti tar-rinviju**

Augstākā tiesa

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* "L.Č." IK

*Konvenuta:* Valsts ieņēmumu dienests

**Dispożittiv**

*L-Artikolu 146(1)(e) tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE, tat-28 ta' Novembru 2006, dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud, għandu jiġi interpretat fis-sens li l-eżenzjoni prevista f'din id-dispożizzjoni ma hijiex applikabbli għal provvista ta' servizzi, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, relatata ma' operazzjoni ta' trasport ta' oġġetti lejn pajjiż terz, meta dawn is-servizzi ma jkunux ipprovduti direttament lill-kunsinnatur jew lid-destinatarju ta' dawn l-oġġetti.*

(1) ĠU C 260, 18.7.2016.